MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 456/1985/1

**Dr. Edward Woods LL.D. ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited, u dina bhala prokuratrici specjali tal-Underwriters li permezz tad-ditta Mediterranean Insurance Brokers Limited, malta, assikurat merkanzija importata mid-ditta Caruana Cold Storage & Importers Ltd.**

**vs**

**Avukat Dr. Philip Sciberras ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Sea Malta Company Limited bhala armaturi tal-vapur Qormi; u b'nota tat-13 ta' Frar 1989 Joseph Curmi assuma l-atti ta' din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited fil-kwalita` tieghu ta' General Manager taghha minflok Dr. Philip Sciberras li ma ghadx ghandu dik ir-rapprezentanza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' April 1985 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi d-ditta Caruana Cold Storage & Importers Ltd. importat gewwa Malta mija, tnejn u sittin (162) cartons salumi vari mill-Italja fuq il-vapur “MALTA EXPRESS” kif jirrizulta mis-CMR note numru 1 hawn ezebita bhala Dok. A;

Illi meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija kkonsenjata lill-importatur instab illi din il-merkanzija kienet iddeterjorat u giet kontaminata billi ma gietx konservata tajjeb fiz-zmien li kienet qieghda tigi trasportata (Dok. B.);

Illi ghal dan in-nuqqas id-ditta Mediterranean Insurance Brokers Ltd. hallset, fl-interessi tal-Underwriters, is-somma ta’ elfejn, mija u hamsa u sittin lira Maltija u disa u ghoxrin centezmu (Lm2165.29) u ghalhekk dawn l-Underwriters rapprezentati Londra mid-ditta Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd., surrogati fid-drittijiet tal-importatur (Dok. C.);

Illi l-istess Underwriters appuntaw lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited sabiex tagixxi ghaliha bhala ‘recovery agents’;

Illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjarahom responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta Caruana Cold Storage & Importers Limited;
2. tikkundannahom ihallsu lill-atturi nomine s-somma ta’ Lm2165.29 bl-interessi skond il-ligi in linea ta’ danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (John J. Borg u Frank X. Grima) nomine pprezentata fil-15 ta' Mejju 1985 fejn qalu:

Illi l-eccipjenti ma humiex armaturi tal-vapur “Malta Express” u ma ghandhom xejn x’jaqsmu ma’ dan il-vapur. Ghalhekk in kwantu diretta kontra taghhom it-talba attrici hi insostenibbli;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tas-17 ta' Jannar 1986 fejn gie nominat l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dottor Guido Saliba biex jiehu x-xiehda u jircievi dokumenti prodotti mill-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine;

Rat id-digrieti tas-16 ta' Mejju 1986 li permezz taghhom, fuq talbiet maghmula mill-attur nomine permezz ta' zewg rikorsi separati, gew ordnati korrezzjonijiet fl-okkju tal-kawza billi (1) l-kliem "John J. Borg u Frank X. Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited" jigu sostitwiti bil-kliem "Avukat Dr. Philip Sciberras ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited", u (2) l-kliem "MALTA EXPRESS" gew sostitwiti bil-kelma "QORMI";

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-Avukat Dottor Philip Sciberras nomine fejn qal:

Illi l-azzjoni attrici hi perenta di fronte ghall-eccipjenti a tenur tal-klawsola 3(6) tal-Hague Rules (1924);

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tat-13 ta' Gunju 1988 li permezz tieghu, peress illi l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dott. Guido Saliba ma baqax jokkupa dak l-inkarigu, gie sostitwit ghalih l-Avukat Dott. Anthony DeGaetano;

Rat id-digriet tal-25 ta' Novembru 1991 li permezz tieghu, stante li l-assistent gudizzjarju l-Avukat Dott. Anthony DeGaetano ma baqax jokkupa dak l-inkarigu, gie nominat

l-Avukat Dott. Pierre Lofaro bhala perit legali biex ifittex u jirelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat il-verbal tat-8 ta' Lulju 1996 fejn il-Qorti giet infurmata li din il-kawza kienet qed tistenna l-ezitu ta' kawza ohra pendenti fil-Qorti ta' l-Appell;

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 1999 fejn Dott. Edward Woods informa lill-Qorti li fil-fatt il-kawza pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell ma kellha l-ebda relazzjoni ma' l-eccezzjonijiet f'dan il-kaz;

Rat id-digriet tas-6 ta' Dicembru 1999 fejn il-Qorti ordnat li l-perit legali jirritorna l-atti kollha fil-pussess tieghu;

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 2000 fejn il-perit legali nforma lill-Qorti li ma kellux inkartamenti fil-pussess tieghu;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut nomine u n-nota responsiva ta' l-attur nomine;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine fis-sens li l-azzjoni attrici hi perenta fil-konfront tieghu a tenur tal-klawsola 3(6) tal-Hague Rules ta' l-1924.

Il-fatti saljenti huma dawn: Fit-13 ta' April 1984 wasal Malta il-vapur MALTA EXPRESS li kien qieghed jittrasporta, fost affarijiet ohra, merkanzija ghas-socjeta` Caruana Cold Storage & Importers Ltd. Din il-kumpanija ghamlet *claim* mas-socjeta` assikuratrici Mediterranean Insurance Brokers Ltd. minhabba li l-merkanzija kkonsenjata lilha kienet iddeterjorat u giet ikkontaminata. Hija thallset ghad-danni minnha sofferti mill-istess socjeta` assikuratrici li giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` importatrici. Is-socjeta` attrici giet appuntata prokuratrici tas-socjeta` assikuratrici sabiex tirkupra dawn id-danni

mhallsa minghand is-socjeta` konvenuta. Ic-citazzjoni giet intavolata fit-12 ta' April 1985. L-applikabilita` tal-Hague Rules, 1924 ghall-kaz odjern mhuwiex kontestat mill-partijiet.

Il-klawzola numru 3(6) tal-Hague Rules tipprovdi hekk:

**"Subject to paragraph 6 *bis* the carrier and the ship shall in any event be discharged from all liability whatsoever in respect of the goods, unless suit is brought within one year of their delivery or of the date when they should have been delivered. This period may, however, be extended if the parties so agree after the cause of action has arisen."**

Il-klawzola 3(6 *bis*) imbaghad jipprovdi:

**"An action for indemnity against a third person may be brought even after the expiration of the year provided for in the preceding paragraph if brought within the time allowed by the law of the Court seized of the case."**

Il-konvenut nomine jghid li t-terminu ta' sena li jimponi l-klawzola 3(6) huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u ghalhekk kawza ta' danni ghandha tigi istitwita f'dik is-sena; ghalhekk jekk dak it-terminu ma jigix osservat, il-Qorti li quddiemha tigi istitwita l-kawza relattiva ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. Jghid li ghalkemm fil-kaz odjern il-kawza giet istitwita qabel ma skada t-terminu ta' sena, b'danakollu ma tistax titqies li ezistiet minn dakinhar ghax saret kontra konvenuti li gew imharrkin hazin. Jirreferi ghall-artikolu 99 tal-Kap. 12 li jipprovdi li *"l-att null jista' jsir mill-gdid, jekk ma jkunx ghadda z-zmien perentorju li fih ghandu jsir"* u jsostni li kien biss fis-16 ta' Mejju 1986 li c-citazzjoni kisbet il-validita` mixtieqa mil-ligi meta l-Qorti ordnat li ssir korrezzjoni u sa dik id-data kienet skadiet is-sena imposta mill-Hague Rules. Il-konvenut nomine jissottometti wkoll:

"Kieku ma saritx din il-korrezzjoni u l-Qorti kienet tigi biex tiddeciedi fuq l-eccezzjoni li ga` kienet giet sollevata mill-

ewwel zewg konvenuti hija ma kienx ikollha triq ohra hlief li tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Dan ifisser li qabel ma saret il-korrezzjoni u n-notifika mill-gdid ma jistax jinghad li kien hemm citazzjoni kontra s-socjeta` Sea Malta Company Limited u dan peress illi, min kellu d-dover li jivverifika sewwa qabel harrek lil min ghandu jharrek, qabad u harrek minghajr ma vverifika".

Finalment il-konvenut nomine jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Emmanuel Grech noe vs Albert Mizzi et noe** (deciza fis-27 ta' Novembru 1985).

L-attur nomine mill-banda l-ohra jghid li l-perijodu ta' sena impost mill-klawzola 3(6) tal-Hague Rules huwa wiehed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza u jirreferi ghal diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell li, skond hu, jikkonfermaw dan. Ghalhekk jghid li l-kawza bdiet tezisti meta giet intavolata c-citazzjoni li ma tistax certament titqies nulla a tenur ta' l-artikolu 99 tal-Kap. 12. Jaghmel referenza specifika ghal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Dr. Edward Woods noe vs David Jones et noe** moghtija fit-3 ta' Marzu 1995 u ghal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Maurice Mifsud Bonnici noe vs Edgar Bonnici Cachia** moghtija fl-14 ta' Frar 1994. Jghid li filwaqt li l-konvenut nomine qal li l-attur nomine qabad u harrek minghajr ma vverifika, dak li ma qalx kien li dak iz-zmien is-socjeta` konvenuta biddlet diversi drabi lil min kien jirrapprezentaha guridikament; illum, wara l-emendi li saru fil-Kap. 12, din il-problema giet rizolta peress li tista' titharrek is-socjeta` kummercjali f'isimha. Finalment jirrimarka li l-konvenut nomine jidher li mhuwiex qieghed jiddifferenzja bejn prezentata ta' citazzjoni, notifika ta' l-istess u digriet tal-Qorti li jakkorda korrezzjoni.

Is-soluzzjoni ghal din il-vertenza tinsab fl-artikolu 2131 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni**

**tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba."**

Citazzjoni tikkostitwixxi "talba gudizzjarja" ghall-finijiet ta' l-artikolu 2131 imsemmi. Dik odjerna gietipprezentata fit-12 ta' April 1985. Il-vapur li fuqu kien hemm il-merkanzija mertu ta' din il-kawza wasal Malta fit-13 ta' April 1984. Dan ifisser li anke jekk il-merkanzija giet ikkonsenjata dakinhar stess lis-socjeta` importatrici, it-terminu ta' sena skond il-klawzola numru 3(6) tal-Hague Rules aktar 'il fuq citat kien ghadu ma ddekkorriex. Dan ifisser li c-citazzjoni kienet ipprezentata fiz-zmien stabilit minn dawk ir-Regoli u ghalhekk, sew jekk il-perijodu ta' sena huwa perijodu ta' preskrizzjoni, sew jekk huwa perijodu ta' dekadenza, ic-citazzjoni saret tempestivament ukoll jekk notifikata tard. Ghalkemm saret korrezzjoni, baqghet l-istess citazzjoni bl-istess data tal-prezentata u kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Konsegwentement l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta mhijex fondata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta bin-nota ta' eccezzjonijiet taghha tat-30 ta' Lulju 1986 u, peress illi ghad iridu jsiru l-provi fil-mertu, a tenur tad-distribuzzjoni tad-dmirijiet ta' l-Imhallfin, tiddifferixxi l-kawza sabiex tkompli tinstema' quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Dott. Noel Cuschieri fil-11 ta' Jannar 2005 fid-9.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------